FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April, 2002**

**Numru 10**

**Avviz. numru 370/01JR**

**Samuel Gatt**

**vs**

**Emmanuel Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-attur fit-28 ta' Mejju, 2001 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), rapprezentanti danni u spejjez inkorsi minnu meta, fl-24 ta' Gunju, 2000, filwaqt illi l-konvenut kien qieghed isuq il-karrozza tieghu tat-tip Vauxhall Astra u li ghandha numru ta' registrazzjoni CAD-463 gewwa Triq Lapsi, Siggiewi, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-karrozza tat-tip Kia Ceres u li ghandha numru ta' registrazzjoni DBA-797 proprjeta`**

**ta' l-attur u misjuqa minnu stess, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, imprudenza u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident;**

**Bl-ispejjez inkluzi hames liri Maltin (Lm5.00) ta' l-ittra legali tat-23 ta' Awissu, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din it-talba a tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tan-notifika ta' dan l-att sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Gunju, 2001 fejn intqal:**
**Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident de quo sehh unikament tort ta' l-attur innifsu u dan minhabba negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Samuel Gatt, PS 119 Charles Zammit, Emmanuel Micallef, Edward Debono, Robert Abela u Jurgen Pace. Ra n-nota ta' referenzi prezentata mill-konvenut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Gunju, 2000, fi Triq Lapsi, bejn il-vettura DBA-797 misjuqa mill-attur u l-vettura CAD-463 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh waqt li l-attur kien hiereg minn Triq San Nikola ghall go Triq Lapsi, Siggiewi. Iz-zewg vetturi kienu ser imorru fid-direzzjoni tas-Siggiewi. Tipprecedi l-karrozza tal-konvenut kien hemm il-karrozza EAN-086, misjuqa minn Robert Abela, habib tal-konvenut. Flimkien mal-konvenut kien hemm Edward Debono passiggier, filwaqt li ma' Abela kien hemm Jurgen Pace passiggier. Il-karrozza ta' Abela kienet gja lahqet skapulat lill-attur.**
2. **Jirrizulta li l-attur kien beda hiereg minn Triq San Niklaw, u li qabel ma hareg hares biex jara li ma kienux gejjin vetturi. Ma jirrizultax li l-attur hareg malajr kif qed jallega l-konvenut. Jirrizulta mill-isketch Dok.B, li hu konfermat mis-Surgent PS 119 Charles Zammit, li l-attur kien gja hareg distanza konsiderevoli meta gara l-incident, anzi kien hareg aktar minn nofs tat-triq.**
3. **Jigi rilevat li sabiex jirribatti dak li qed jallega l-attur, il-konvenut tella diversi xhieda. It-Tribunal jinnota li dawn huma kollha hbieb tal-konvenut, u l-kredibilita` taghhom hija dubbjuza ferm, u dana qed jinghad fid-dawl tad-deposizzjonijiet taghhom. Hekk Edward Debono li kien passiggier mal-konvenut filli jghid li l-attur hareg u waqaf f'nofs it-triq, u wara jghid li meta ghaddiet l-karrozza ta' Abela, l-attur**

**kien gahdu hiereg. Abela da parti tieghu jghid li meta ra lill-attur dan kien ghadu ma harigx ghall-go Lapsi Road. Jekk dan hu minnu, u il-konvenut kien ghaddej b'velocita` normali, l-incident ma kienx isehh. Il-passiggier ta' ma' Abela, Jurgen Pace, apparti li jghid li kienu ghaddejjin bil-mod, fatt li jirrizulta l-oppost, jghid li lanqas biss ma sema' hoss, u dana meta kien hemm brake marks twal 15 il-metru, filwaqt li Abela qal li sama' hoss u hares lura.**

4. **Dwar il-hsara ix-xhieda prodotti mill-konvenut isostnu li l-attur kellu hsara fil-genb mhux fuq wara. Fil-fatt mir-ritratti Dok.C u D, u mir-Road Accident Report Dok.A, jirrizulta li l-hsara kienet fuq ir-"rear left mudguard". Li l-hsara kienet fuq wara huwa evidenti ukoll mill-isketch mill-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incident.**

5. **Ix-xhieda determinanti ghall-din il-vertenza hija d-deposizzjoni tas-Surgent Zammit, li kien prezenti wara l-incident u li ha l-qisien, ghamel l-isketch u r-rapport. Mill-isketch Dok.B jirrizulta li l-konvenut halla "brake marks" twal hmistax-il metru. Tali brake marks definitivament ma jinkwadrawx ruhhom ma' vettura li kienet ghaddejja b'velocita` moderata ghall-triq li tisserpeggja. Kienet din il-velocita` il-kawza prossima ta' l-incident, ghaliex il-konvenut gie rinfaccjat b'emergenza, li minhabba l-velocita` li biha kien ghaddej ma kellux rimedju iehor hlief li jikser u jibbrejkja kif fil-fatt ghamel.**

6. **Jirrizulta li l-attur kien beda hiereg minn go Triq San Niklaw, meta fsalt tfaccaw iz-zewg vetturi, u filwaqt li l-ewwel vettura lahqet**

**skapulat lill-attur li kompla hiereg, il-vettura tal-konvenut bbrejkjat u dahlet fih. Kif xehed l-attur:"Sibt zewg karrozzi gejjin fuqi."**

7. **Ic-cirkostanzi huma tali li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli in kwantu kienet il-velocita` eccessiva tieghu il-kawza prossima ta' l-incident, filwaqt li l-attur ghandu responsabilita` wkoll, in kwantu hu kien hiereg ghall-go triq principali u kellu obbligu li jara li jaghmel dik il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku li jkun gej fil-main road. (Gasan Insurance Agency noe vs Saviour Spiteri InfMM dec 19.06.2000). Pero` tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma hemmx dubbju li l-entita` tad-danni kienet dovuta ghall-velocita` tal-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi kwart tar-responsabilita` lill-attur, u tlett kwarti lill-konvenut.**

8. **Bhala danni l-attur irreklama mitejn u hamsin lira, pero` mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-attur kellu s-segwenti spejjez:**

   i. **Dok.A1 rapport tal-pulizija u sketch………………..Lm3.00;**
   ii. **Dok.SG1 u SG2, molol………………………………Lm50.00;**
   iii. **Dok.SG3 u SG4, kiri ta' karrozza…………………..Lm29.90;**
   iv. **Dok.SG5, Survey………………………………………Lm15.00;**
   v. **Labour……………………………………………………..Lm80.00;**
   vi. **Spray……………………………………………………..Lm10.00.**

**Dawn b'kollox igibu total ta' mija sebgha u tmenin lira Maltija u disghin centezmu (Lm187.90). Pero` in kwantu l-konvenut kien responsabbli biss fi grad ta' tlett kwarti, jigi li hu ghandu jhallas lill-**

attur is-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm140.92).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fi grad ta' tlett kwarti, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm140.92) bl-imghax legali dekorribbli mill-lum sal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenut, b'dana pero` li l-konvenut ghandu ihallas lill-attur l-ispejjez kollha ta' l-ittra legali tat-23 ta' Awissu, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz a tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 104.

Dr Joseph Refalo
Gudikatur